MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 579/2012

**Jonathan Crockford u martu Christine Dale Crockford nee' Ross għan-nom u fl-interess ta' binhom minuri Sam Crockford**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-6 ta' Ġunju 2012 fejn ġie premess:

1. Illi iben ir-rikorrenti, Sam Liam Crockford, twieled f'Mater Dei Hospital, tal-Qroqq, Msida, Malta, fit-22 ta' Ġunju, 2010 u l-att tat-twelid tiegħu ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta fis-7 ta' Lulju, 2010 bin-numru progressiv wieħed, disa', tmienja, wieħed (1981) tas-sena elfejn u għaxra (2010), u dan hekk kif jirriżulta miċ-

ċertifikat tat-twelid ħawn anness u mmarkat bħala “Dok A”;

2. Illi fl-imsemmi ċertifikat tat-twelid l-isem ta’ iben ir-rikorrenti, fil-kolonna “Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa” jidher bħala “Sam”, filwaqt li fil-kolonna “Ismijiet mogħtijin” dan jidher bħala “Sam Liam”;

3. Illi l-isem ta’ iben ir-rikorrenti ġie ndikat fl-istess att ta’ twelid bħala “Sam” (fil-kolonna kolonna “Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa”) u mhux “Sam Liam” (hekk kif indikat fil-kolonna “Ismijiet mogħtijin”);

4. Illi jidher illi, għal xi raġuni – bi żball jew inkella bi żvista – filwaqt li f’parti tal-istess att tat-twelid (taħt il-kolonna (Isem mogħtijin”) l-isem huwa korrettement imniżżel fl-intier tiegħu, f’parti oħra tal-istess att (taħt il-kolonna kolonna “Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa”) l-isem hu mniżżel in parti u mhux fl-intier tiegħu;

5. Illi *inoltre*, iben ir-rikorrenti, li llum għandu kważi sentejn, hu magħruf u dejjem ġie msejjaħ bl-isem ta’ “Sam Liam”, kemm mal-familjari u kif ukoll mill-ħbieb tal-familja;

6. Illi fid-dawl tal-premess, ir-rikorrenti jrid illi dan iċ-ċertifikat tat-twelid jiġi korreġut f’dan is-sens, u ċjoe’ illi fil-kolonna kolonna “Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa” jitniżżel l-isem sħiħ ta’ “Sam Liam” hekk kif imniżżel taħt il-kolonna “Ismijiet mogħtijin”;

7. Illi r-rikorrenti għalhekk, għan-nom u fl-interess ta’ binhom minuri hawn imsemmi, jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 253 *et seq* tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta sabiex issir id-debita korrezzjoni fl-Att tat-Twelid su-riferit.

Għaldaqstant, in vista tas-su-espost, ir-rikorrenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha, prevja kull

dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, inkluż billi tordna l-opportuna pubblikazzjoni ta' avviż fil-Gażżetta tal-Gvern, *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-imsemmi Kapitolu 16:

1. Tiddikjara li l-isem intier tar-rikorrenti hu "Sam Liam" u mhux biss "Sam" kif preżentament jidher fuq l-att tat-twelid;

2. Tordna sabiex jiġi korrett iċ-ċertifikat tat-twelid relattiv bin-numru wieħed, disa', tmienja, wieħed (1981) tas-sena elfejn u għaxra (2010) fis-sens illi fil-kolonna intestata kolonna "Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa" l-isem "Sam" jiġi jaqra "Sam Liam";

3. Konsegwentement tordna, *ai* finijiet kollha tal-Liġi, lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jiġi notifikat b'vera kopja tas-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti u fiż-żmien li trid il-Liġi l-istess Direttur jagħmel it-tibdiliet u / jew korrezzjonijiet kollha meħtieġa kif imsemmi fit-tieni talba.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fit-2 ta' Awissu 2012, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi *in linea* preliminari jingħad illi huwa meħtieġ li tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gażżetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

3. Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kien missier il-minuri stess, Jonathan Crockford, li kien għamel

id-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid *de quo* u kienu anke ffirma li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet waħda korretta;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi permezz tal-verbal tas-17 ta' Ottubru 2012 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili kif ukoll l-artikolu 92 (2) tal-Kodiċi Ċivili ukoll. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi hija ġustifikata peress li l-attur minn dejjem kienet magħruf bl-isem Sam Liam kif jidher ampjament mill-provi. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għal dak illi ġara u ma allura għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawża jiġu sopportati mill-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------